MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 1179/2013

**Frank Borda Limited (C446)**

***kontra***

**En Route Malta Drive Limited (C25799) u Julie Barbara (ID 320973M) in solidum**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-10 ta` Dicembru 2013 li jaqra hekk–

*1. Illi permezz ta` varji agreements li saru bejn fuq medda ta` zmien bin-numri ta` referenza 13203, 13225, 13216, 13214 u 13215 li kopji taghhom jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti B1 sa B5, l-intimati ftehmu li jixtru u jakkwistaw minghand is-socjeta` rikorrenti varji vetturi versu l-prezz indikat fuq l-agreements rispettivi.*

*2. Illi skont il-klawsola numru tmienja (8) tal-imsemmi ftehim huwa patwit ukoll illi*

*"The person signing this agreement on behalf of the hirer is hereby guaranteeing the hirers obligations and hereby binds himself as jointly and severally with the hirer"*

*3. Illi fuq dawn il-varji agreements hemm ammonti bilancjali sostanzjali u meta f`certu zmien kien evidenti li mhux qed isiru l-hlasijiet patwiti, il-varji accounts gew pooled flimkien f`kont wiehed, gew ritornati diversi vetturi li kienu ghadhom ghand is-socjeta` intimata versu l-prezz li giet stabbilit u patwit bejn il-partijiet biex b`hekk baqa` l-bilanc ta` €59,854.89 kif indikat fil-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dokument C.*

*4. Illi l-intimati gew ripetutament interpellati sabiex ihallsu dan il-bilanc u nonostante kull sforz sabiex jintlahaq ftehim bonarju, dawn baqghu inadempjenti.*

*5. Illi kif konfermat permezz tad-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa Dokument A, l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u l-intimati m`ghandhomx eccezzjonijiet validi xi jressqu.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u*

*2. Tikkundanna lill-intimati solidarjament bejniethom sabiex ihallsu s-somma ta` €59,854.89 ghar-ragunijiet premessi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, komprizi l-ispejjez tal-Mandat ta` Inibizzjoni u Mandat ta` Sekwestru li qed jigu prezentati kontestwalment u bl-interessi mill-1 ta` Lulju 2012, liema intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati mill-kumpannija attrici.

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta` Dicembru 2013 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta` Jannar 2014 fid-09:00am.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta` April 2014 fejn il-Qorti rrilevat illi billi n-notifika tal-konvenuti saret barra mit-termini ndikati fl-Art. 169 tal-Kap. 12, iddikjarat li kienet sejra tkompli tqis il-kawza bil-procediment ordinarju u mhux aktar bil-procedura sommarja specjali.

Rat illi l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta guramentata.

Rat illi l-konvenuti baqghu ma dehrux ghall-udjenzi ta` wara n-notifika taghhom, inkluza l-udjenza tal-lum.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenuti, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**(1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba ;**

**(2) Tilqa` t-tieni talba. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidum bejniethom ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta` disgha u hamsin elf, tmien mija erbgha u hamsin Euro u disgha u tmenin centezmi (€59,854.89), bl-imghax legali mill-1 ta` Lulju 2012.**

**(3) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidum bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, komprizi dawk tal-mandat ta` inibizzjoni u tal-mandat ta` sekwestru prezentati kontestwalment mar-rikors guramentat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------